MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 04 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2114/2002

**Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Vs**

**Abdul Dabia**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm 453.63c (erbgha mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tlieta u sittin centezmi) rappresentanti ghajnuna socjali ghal perjodu bejn il- 11 ta' Novembru, 2000 u s- 16 ta' Frar, 2001 ghal disimpjieg. Peress illi huwa ssusegwentement issepara minn ma martu u mhuwhiex cittadin Malti huwa ma baqax intitolat li jircievi l-ghajnuna socjali.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi huwa naqas milli jirrifondi dan l-ammont.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datati 28 ta' Novemvru, 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**